ITTRA TAD-DRITTIJIET GĦAT-TFAL

# KUN AF ID-DRITTIJIET TIEGĦEK!

Jekk inti tinsab taħt arrest qabel il-proċess



Jekk l-awtoritajiet legali jissuspettaw jew jemmnu li wettaqt reat u jiddeċiedu li inti trid tkun f'detenzjoni qabel il-proċess, int għandek **id-dritt li tingħata informazzjoni ċara u dettaljata dwar id-drittijiet tiegħek.**

Il-fuljett li ġej jispjegawlek dawn id-drittijiet

## KUN AF ID-DRITTIJIET TIEGĦEK!



Jekk inti tinsab taħt arrest qabel il-proċess

Ikkofinanzjat mill-Programm Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Dan il-ktejjeb inħoloq fil-qafas tal-proġett:

**Child-Friendly JT**
Id-dritt tal-minorenni għal informazzjoni, traduzzjoni u interpretazzjoni fi proċeduri kriminali: Żvilupp ta' għodod li jħarsu t-tfal
JUST-AG-2016-06-760674

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

## MIN HUMA L-AWTORITAJIET LEGALI?

Huma n-nies li jaħdmu fil-qrati jew tribunali, bħal imħallfin, maġistrati u prosekuturi.



## DETENZJONI TA' QABEL IL-PROĊESS

Dan meta l-imħallef jiddeċiedi li trid tkun f'detenzjoni qabel ma jkun sar il-proċess tiegħek.

## 1 ID-DRITT GĦALL-INFORMAZZJONI

Int għandek id-dritt li tkun infurmat b'mod ċar u sempliċi dwar id-drittijiet tiegħek u dwar aspetti ġenerali tat-tmexxija tal-proċedimenti (ir-rwol tal-awtoritajiet involuti, il-passi li jmiss fil-proċedura - meta jkun possibbli -, eċċ.).

Għandek tirċievi din l-informazzjoni bil-miktub, bil-fomm jew it-tnejn. Jekk hemm xi ħaġa li ma tifhimx, tista' tistaqsi.

## 2 ID-DRITT GĦAL AVUKAT

Int għandek id-dritt li tikkomunika mal-avukat dwar il-każ tiegħek, bil-miktub jew bit-telefown. Jistgħu wkoll iżuruk.

Il-konversazzjonijiet li jkollok se jkunu privati.

## 3 ID-DRITT GĦAL EŻAMI MEDIKU

Int għandek id-dritt għal eżami mediku u biex tirċievi assistenza medika kull meta jkollok bżonnha. Tista' titlob għal dan, jew ommok, missierek jew gwardjan legali tiegħek jistgħu jitolbu f'ismek.

Int għandek id-dritt li tingħata l-medikazzjoni u l-ħtiġijiet tad-dieta kif preskritt mit-tabib.

Ma jkollokx bżonn tħallas għal din l-assistenza medika.

## 4 ID-DRITT GĦALL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

Int għandek id-dritt li tirċievi l-edukazzjoni u t-taħriġ skont il-bżonnijiet tiegħek.



## 5 ID-DRITT GĦAL ĦAJJA TA' FAMILJA

Għandu jkollok id-dritt li żżomm kuntatt regolari mal-ġenituri, il-familja u l-ħbieb tiegħek permezz ta' żjarat u korrispondenza.

Kultant hemm eċċezzjonijiet: meta ma jkunx fl-aħjar interessi tiegħek jew meta jista' jagħmel ħsara lill-proċeduri kriminali.



## 6 ID-DRITT LI TIPPARTEĊIPA F'PROGRAMMI

Int għandek id-dritt li tipparteċipa fi programmi li jrawmu l-iżvilupp tiegħek.

## 7 ID-DRITT GĦALL-LIBERTÀ TAR-RELIĠJON JEW IT-TWEMMIN

Għandek id-dritt li r-reliġjon jew it-twemmin tiegħek jiġu rispettati.

## 8 ID-DRITT GĦAL OMMOK, GĦAL MISSIEREK, JEW L-GWARDJAN LEGALI TIEGĦEK LI JKUN INFORMAT

Int għandek id-dritt li ommok, missierek jew il-gwardjan legali tiegħek jingħataw l-istess informazzjoni bħalek mill-persuni li jaħdmu fil-post fejn inti miżmum. Pereżempju, huma għandhom ikunu infurmati dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħek, x'inhu l-istat tas-saħħtek, eċċ.

F'xi każijiet mhuwiex fl-aħjar interessi tiegħek biex ommok, missierek, jew il-gwardjan legali tiegħek jiġu infurmati. F'dawn is-sitwazzjonijiet, tista' titlob lil adult ieħor biex jiġi infurmat. Tali adult jeħtieġ li jkun aċċettat mill-awtorità.

Eċċezzjoni oħra hija meta l-proċeduri kriminali jistgħu jiġu mħassra.



## 9 ID-DRITT GĦAL EVALWAZZJONI INDIVIDWALI

Int għandek id-dritt għal evalwazzjoni individwali. Il-professjonisti ser isaqsuk dwar il-familja tiegħek, ħbiberiji, studji, eċċ.

Din l-evalwazzjoni sservi biex issir taf x'inhuma l-bżonnijiet tiegħek u tgħin biex tieħu deċiżjonijiet jew tieħu miżuri li jkunu xierqa għalik (trattament, korsijiet, workshops, eċċ.)

## 10 ID-DRITT GĦALL-APPELL

Jekk temmen li d-drittijiet tiegħek mhux qed jiġu rispettati, tista' tagħmel ilment lill-awtoritajiet legali.

## 11 ID-DRITT LI JITQIEGĦED SEPARAMENTAMENT MINN DETENUTI ADULTI

Matul id-detenzjoni qabel il-proċess, għandek id-dritt li ma titqiegħedx ma' detenuti adulti.

Kultant hemm eċċezzjonijiet, iżda dawn għandhom jiggarantixxu l-benesseri tiegħek.